# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-Hamis 24 t'Ottubru 2024**

**Talba nru. 17/2022**

**DR.WILLIAM AZZOPARDI**
**(KI 367064M)**

*VERSUS*

**PAUL ABELA**
**(KI 517260M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fis-17 ta' Jannar 2022 l-attur talab sabiex dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tlett mija sitta u sittin Ewro u hdax-il centezmu Eur 366.11) ghal hsara f'kompressur ta' arja kondizzjonata li garrab l-attur kagun tal-konvenuti.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut fis-26 ta' Jannar 2022 fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Sema x-xhieda.

Ra d-dokumenti pprezentati.

Ra l-atti processwali.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jghaddi sabiex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi ssir sintezi tal-provi prodotti.

L-attur xehed fl-udjenza ad-19 ta' Jannar 2023, fejn ighid illi huwa ghandu appartament fl-istess blokka mal-konvenuti. Ighid illi fi zmien il-pandemija kien iltaqa mal-konvenut u dan beda jghajjat ghaliex l-attur kien pogga kompressur fuq is-saqaf tal-penthouse tieghu. L-attur ikompli jghid illi l-konvenut beda jghajjat li kien ser inehhi dan il-kumpressur minn fejn kien. Izda l-attur hassu sorpriz ghaliex huwa kien pogga l-kumpressur "*ezatt fejn kien ta' qabli u kelli miktib fil-kuntratt*". (Fol.28).

Ftit zmien wara dan l-inkontru, l-mara tal-konvenut kienet cemplet lill-attur u qaltlu illi ser taghti lill-attur ultimatum sabiex inehhi l-kumpressur. Wara din it-telefonata, l-attur kien irrealizza illi l-konvenuti kienu estendew parti mill-bejt taghhom u hadu bicca mill-arja u ghaldaqstant dan is-saqaf kien illegali. L-attur ighid illi meta l-konvenut kien ghamel din l-estensjoni, kien ressaq dan il-kumpressur.

Meta l-attur kien mar biex ihaddem l-air conditioner kien irrealizza li ma bediex jahdem u stante illi kien ghadu taht garanzija cempel minn fejn kien xtrah. Il-haddiema li gew infurmaw lill-attur illi xi hadd kien issega r-ram u mexxa l-kompressur. Id-danni li qed jintalbu mill-attur huma dawk illi kellu jhallas sabiex irranga l-hsarat tal-kumpressur. L-attur ighid illi l-konvenut biss kellu interess illi jcaqlaq dan il-kumpressur.

Kontro-ezaminat, l-attur ighid illi ma kienx ra lill-konvenut icaqlaq dan il-kumpressur. Jghid ukoll illi hemm sitt appratamenti f'din il-blokka illi hafna minnom jinkrew ghas-sajf.

Fl-udjenza tat-22 ta' Gunju 2023, xehed Darren Mifsud li kien haddiem ta' FM Core Limited u li kien mar ghand l-attur "*ghax l-air conditioner ma kienx qieghed ikessah; ovvjament x hin rajt li mhux qed ikessah tlajt fuq il-bejt biex niccekkja l-gass u affarijiet minn dawn*." Ix-xhud ighid illi meta tela fuq il-bejt, (Fol.38), "*sibt li l-pajpijiet kienu mqacctin, kienu kinkjati wkoll jigifieri mghawwgin sew. Il-gass kien zvinta kollu kemm hu, u kien hemm hafna zejt ma' l-art u hekk. Hu kien jidher li ken hemm il-forma ta' fejn kien l-air conditioner. . . ghax l-art taghmel qisha taghmel qisha forma meta jkun hemm oggett, u qisu gie mcaqlaq iktar 'l barra minn fejn kien originarjament . .*"

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024 xehdet Jennifer Abela, mart il-konvenut, illi tghid illi l-attur tafu ghaliex kienu hbieb u ghandu appartament fil-blokka taghhom, ezattament bil-bieb faccata ta' xulxin. Ix-xhud tghid illi l-bieb tal-blokka jinzamm dejjem miftuh u li l-bejt ghandu access ghalih kulhadd ghaliex ic-cavetta tal-bieb tal-bejt tinzamm f'postha biex kull min ikollu bzonn jaccedi ghal bejt ikun jista jiftah. A fol.99 ix-xhud tghid illi rigward il-kwistjoni tal-kumpressur, *". . . din inqalet kollha ghax konna gibna lil tal-pannelli ghax thajjart naghmel il-panelli bhalma ghamiltom id-dar, hu qalli ghandek tnejn kumpressuri ta' l-AC's."* Sussegwentament, ix-xhud tghid illi kienu kellmu lill-attur li beda jghajjat u jghidilom li huma ma kellom xejn.

Tul il-kontro ezami, x-xhud tghid illi minkejja illi huma jirrissjedu biss fit-tliet xhur tas-sajf, taf illi l-bieb ta' barra jkun dejjem miftuh ghaliex tinzel timxi.

Il-konvenut xehed fl-istess udjenza,fejn qal illi anke hu kellu xi pjanci li kienu inqalaw u tnizzlu fuq il-bjut tan-nies minn nies li ma jafx min huma. Sabiex jissostanzja x-xhieda tieghu, l-konvenut

ipprezenta sett ta' dokumenti fosthom dokumentazzjoni dwar kawza li kellu mal-Pulizija fuq rapport mill-attur, u ritratti ta' oggetti li jinsabu fuq il-bejt. Mistoqsi fil-kontro ezami jekk kienx jaf li kien hemm il-kumpressur ta' l-attur fuq il-bejt tieghu, l-konvenut wiegeb li ma kienx jaf:

*Avukat - "Qatt innutajt li kien hemm dan il-kompressur fuq il-bejt?"*

*Attur - "Ma nafx, ma niftakarx, ma niftakarx"*

Meta rinfaccat bl-iskrittura ta' l-emenda li kien sar fil-kuntratt tal-konvenut, jerga jtenni li ma kienx qed jaghraf x'kien id-dokument u li ma kellux idea taghha. Il-konvenut ighid illi l-affarijiet tal-karti tiehu hsiebom il-mara u li ma jafx jaqra. Mistoqsi jiftakarx li kien mar ghand in-nutar (Fol.105) iwiegeb "*Le, le ma jidhirliex. . . ma jidhirlix*".

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob danni fl-ammont ta' Eur 366.11 minghand il-konvenut bhala danni li gew ikkagunati wara illi allegatament, il-konvenut caqlaq il-kompressur ta' l-air conditioner ta' l-attur. Min-naha tieghu, l-konvenut jinnega dan kollu.

Illi l-attur kien car fi kliemu u qal li ma rax lill-konvenut inehhi jew icaqlaq il-kompressur tieghu izda wasal ghal din il-konkluzjoni ghall-fatt illi l-konvenut kien talab lill-attur sabiex inehhi dan il-kompressur u anke kellhom tilwimiet fuq dan il-fatt.

Illi dan it-Tribunal ghandu quddiemu l-verzjoni ta' l-attur u l-konvenut u xhud minn kull naha, wahda tal-haddiem li mar jara t-tiswijiet li hemm bzonn u min-naha l-ohra tal-mara tal-konvenut.

Illi kif ga inghad qabel, l-attur ma rax lill-konvenut jaqla l-kompressur u allura dan it-Tribunal irid u ghandu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu a bazi tal-veracita o meno tax-xhieda moghtija mill-partijiet u x-xhieda taghhom.

Il-haddiem li mar ghand l-attur u cioe Darren Mifsud, ghalkemm xhud prodott mill-attur, xehed fuq dak li ra u fuq xi hsarat kellu l-kumpressur. Jispjega minghajr ma gie kontradett illi l-kompressur gie mcaqlaq u li kellu r-ram maqtugh u li kagun ta' hekk gew ikkagunati hsarat li kellom jissewwew. Dawn it-tiswijiet skond dokument ipprezentat a fol.5 jammontaw ghal Eur 366.11.

Ghaldaqstant, fid-dawl tal-konferma illi l-kumpressur ta' l-attur kien garrab hsarat b caqliq li sarlu, dan it-Tribunal jibqalu biss jevalwa kienx il-konvenut, kif jallega l-attur jew terzi persuni ohra kif jaghti x jifhem il-konvenut. Illi f'cirkostanzi bhal dawn, fejn it-Tribunal irid jasal ghal konkluzjonijet tieghu a bazi tax-xhieda tal-partijiet fil-kawza, li kif komunament jigri, jkunu verzjonijiet opposti, t-Tribunal ghandu jevalwa anke mill-atteggjament tax-xhieda moghtija quddiemu, liema hija dik il-parti li taghti komfort lill-verita.

Illi kif hareg mill-provi prodotti, l-partijiet ghandom passat imqanqal b'diversi rapporti u tilwim fil-konfront ta' xulxin. Mhux kontestat il-fatt illi jekk kien hemm xi hadd li kellu interess illi dan il-kumpressur jiccaqlaq kien il-konvenut u dan kif qalet il-mara tieghu stess u cioe illi bdiet iccempel sabiex tara ta' min kien dan it-tieni kompressur. Il-konvenut riedu jwahhlu l-panelli fuq il-bejt taghhom u kien propju f'dan il-mument illi irrealizzaw illi hemm bzonn illi dan il-kompressur jitnehha.

Illi l-konvenut fix-xhieda tieghu jqajjem dubju ta' kredibilta partikolarment meta jghid li ma kienx jaf x hemm fuq il-bejt, illi qatt ma tela fuq il-bejt u fl-istess hin ipproduca ritratti ta' oggetti maqluba jew maqlugha li jaf ezatt lil minn jappartjenu. Lanqas huwa daqshekk kredibbli meta ma jiftakarx jekk kienx mar ghand nutar sabiex jiffirma xi karti, anke jekk wiehed jemmen illi l-konvenut ma kienx jaf jaqra. F'kaz bhal dan, zgur li wiehed jiftakar li jkun mar f'ufficcju jew ghand nutar biex jiffirma xi dokument.

Illi anke l-fatt illi l-konvenut u l-mara tieghu, jghidu illi l-fatt illi l-bieb ta' barra jkun dejjem miftuh seta kien kwalunkwe persuna li caqalqu dan il-kumpressur. It-Tribunal iqis dan l-argument bhala wiehed estiz redikolament stante illi min jiehu tali zbriga biex jitla sa fuq il-bejt mhux ser jaghmel dan biss biex jispostja kumpressur.

Illi dan huwa kaz sfortunat, fejn girien minflok ikunu ta' spalla ghal bzonnijiet ta' xulxin u jghixu l-principju tal-bon vicinat, qeghdin jaqbdu ma' kull tibna biex jirraportaw lil xulxin. It-Tribunal jemmen bis-shih illi materja bhal din li ghandu quddiemu, setghet facilment giet rizolta bi ftit sens komun jew ossia evitata.

Illi galdarba, din il-pendenza waslet sa quddiem dan it-Tribunal, irid ikun hemm konvinzjoni morali li twassal ghal decizjoni. Kif ga inghad, l-attur ma rax min seta wettaq dawn il-hsarat izda mix-xhieda stess tal-konvenut u tal-mara tieghu, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi bejn il-pendenzi ga ezistenti kif ukoll ghall-fatt illi l-konvenut ried jaghmel il-panelli, huwa verosimili illi din il-hsara saret minnom. Fil-fatt, il-mara tal-konvenut tghid illi l-panelli ghadom ma sarux sabiex l-ewwel tara kif ser tinqata din il-pendenza ta' bejnietom.

Illi fid-dawl ta' dan, it-Tribunal jemmen illi t-talba attrici ghandha tintlaqa.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' tliet mija sitta u sittin Ewro u hdax-il centezmu (Eur 366.11) bl-imghaxijiet mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri,huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur